MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 623/2002/1

**Albert Fenech u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2007 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Lorraine Grech, William Fenech, Charles Fenech u Maria Lourdes *sive* Mariella Fenech (ulied u eredi ta' Albert Fenech) *stante* l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawża**

**-vs-**

**Joseph Schembri u Stephen Borg**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Premess illi b'sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 14 ta' marzu, 2002 (Ċitazzjoni Numru 1616/2000 JRM) fl-ismijiet **"Joseph Schembri u Stephen Borg vs Albert Fenech"** ("DOK A"), l-attur f'din il-kawża,

Albert Fenech, ġie kkundannat iħallas is-somma komplessiva ta' elfejn tlett mija u erba' Liri Maltin (Lm2,304) *oltre* l-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 1998 u ta' Frar 1999 lill-konvenuti f'din il-kawża, u cioe' Joseph Schembri u Stephen Borg;

Premess illi mill-proċess tal-kawża deċiża fuq irreferuta għaliha, jirriżulta illi ċ-ċitazzjoni tal-kawża u l-appuntament għas-smiegħ tal-kawża **allegatament** ġew notifikat lill-attur fid-19 ta' Settembru 2000 billi tħallew fl-indirizz ta' l-istess attur f'idejn persuna bl-isem ta' Bridgette Fenech ("DOK B" u "DOK C");

Premess illi l-attur huwa raġel anzjan li jgħix waħdu u m'għandu ħadd fil-familja tiegħu li ġġib l-isem ta' Bridgette Fenech u *inoltre* ma jaf ebda persuna b'dan l-isem;

Premess illi l-attur qatt ma ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fuq imsemmija *ai termini* tal-liġi u sar biss jaf li kienet ġiet deċiża kawża kontrih wara li rċieva ittra datata 18 ta' April, 2002 mingħand l-Avukat tal-konvenuti ("DOK D");

Premess illi konsegwentement l-attur sar jaf bil-fatti li minħabba fihom qed jitlob ir-ritrattazzjoni, wara li għalaq iż-żmien ta' l-appell kif kontemplat fl-Artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Premess illi l-attur qatt ma deher fis-smiegħ tal-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u ma ppreżentax in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu;

Premess illi s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 14 ta' Marzu 2002 (Ċitazzjoni Numru 1616/2000 JRM) fl-ismijiet **"Joseph Schembri u Stephen Borg vs Albert Fenech"** fiha żball evidenti li jidher mid-dokumenti tal-kawża fis-sens illi s-sentenza hija bbażata fuq is-suppożizzjoni, *del resto* żbaljata, illi l-konvenut f'dik il-kawża u ċioe' Albert Fenech, kien ġie debitament notifikat kif imiss b'kopja ta' l-att taċ-ċitazzjoni u bl-avviż tas-smigħ fid-19 ta' Settembru, 2000 u naqas li jressaq in-

nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu fiż-żmien mogħti lilu mill-Liġi biex b'hekk baqa' kontumaci;

Premess illi l-effett legali tal-fatti fuq indikati huwa li skond il-liġi s-sentenza mogħtija mill-Prim' Alwa tal-Qorti Ċivili datata 14 ta' Marzu, 2002 (Ċitazzjoni Numru 1616/2000 JRM) fl-ismijiet **"Joseph Schembri u Stephen Borg vs Albert Fenech"** hi suġġetta għar-ritrattazzjoni kemm a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) billi l-istess Artikolu tal-liġi jirrizerva d-dritt tar-ritrattazzjoni meta ċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet notifikata lill-parti telliefa, basta din il-parti għad li ma tkunx ġiet notifikata, ma tkunx dehret għas-smigħ tal-kawża, kif ukoll a tenur ta' l-Artikolu 811 (1) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) liema Artikolu jirriżerva d-dritt tar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;

Premess illi l-attur m'għandux ibati preġudizzju u jiġi penalizzat meta l-att taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smigħ ma kienux ġew a konoxxenza tiegħu;

Premess illi l-attur għandu interess li l-kawża deċiża, fuq irreferuta għaliha, tiġi ritrattata;

Jgħidu għalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 14 ta' Marzu, 2002 (Ċitazzjoni Numru 1616/2000 JRM) fl-ismijiet **"Joseph Schembri u Stephen Borg vs Albert Fenech"** hi suġġetta għar-ritrattazzjoni kemm a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta); u

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża u tagħti dawk il-provvedimenti l-oħra neċessarji u opportuni fiċ-ċirkostanzi; u

3. Tgħaddi għas-smiegħ wara illi l-attur jkun ingħata żmien raġonevoli sabiex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ppreżentata fit-2 ta' Settembru 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u f'kull każ ma jista' jkun hemm qatt l-elementi għal ritrattazzjoni a bażi ta' l-Artikolu 811 (1) tal-Kap. 12.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u f'kull każ, it-tielet talba hija superfluwa.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u f'kull każ, l-eċċipjenti m'għandhom isofru l-ebda spejjeż *stante* li ma kien hemm l-ebda nuqqas in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Marzu 2004 li permezz tagħha ġew milqugħa t-talbiet attriċi u ġiet revokata s-sentenza ta' l-14 ta' Marzu 2002 fil-kawża fl-ismijiet **"Joseph Schembri et vs Albert Fenech"** (Cit. Nru. 1616/2000 JRM), u dan a tenur ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' l-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili għar-raġuni li l-attur (konvenut f'dik il-kawża) ma kienx ġie validament notifikat bl-atti taċ-ċitazzjoni u bl-avviz tas-smiegħ tal-kawża kif trid il-Liġi. Konsegwentement ordnat is-smiegħ mill-ġdid tal-kawża.

Rat għalhekk l-att promotur ippreżentat mir-ritrattat Joseph Schembri permezz taċ-ċitazzjoni numru 1616/2000 JRM fl-1 ta' Awissu 2000 li kien jippremetti illi:

Premess illi fit-3 ta' Mejju, 1998 għall-ħabta tal-11:00 p.m. u fil-jiem ta' qabel fi Triq il-Ħnejja, Sliema, il-konvenut ikkawża danni volontarji fuq il-vetturi proprjeta' ta' l-attur Joseph Schembri li għandhom in-numru ta' reġistrazzjoni JAA-876, KAN-225 u BAC-537, u fuq il-vettura proprjeta' ta' l-attur Stephen Borg li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni DAM-383, u dan billi għamel grif u waddab materjal u likwidu li għamel ħsara fuq l-imsemmija vettura.

Peress illi għalkemm l-atturi sejħu lill-konvenut sabiex iħallashom tad-danni kollha li huma sofrew, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onor. Qorti m'għandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha li l-atturi sofrew riżultanti mill-inċident li seħħ fit-3 ta' Mejju, 1998 u fil-jiem ta' qabel, meta l-konvenut għamel grif u waddab materjal u likwidu li għamel ħsara fuq erba' vetturi proprjeta' ta' l-atturi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi anke permezz ta' periti nominati għal dan l-iskop; u

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 1998 u ta' Frar, 1999 kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet preżentata fit-22 ta' Marzu 2004, mir-ritrattand Albert Fenech li permezz tagħha espona:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kuntrarjament għal dak allegat fiċ-ċitazzjoni *"de quo"*, il-konvenut ma kellu l-ebda nvolviment fl-inċident in kwistjoni;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2009 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża sempliċi fejn l-atturi talbu li jiġi rifuż id-danni li sostnew li kkaġunalhom il-konvenut Albert Fenech li miegħu l-attur Schembri kien ilu bil-kwistjonijiet. Kif tindika l-ewwel sentenza li issa tħassret, l-imsemmi attur xehed li kien ilu xi żmien isofri ħsara fi ħwejġu u fil-fatt anke waħħal c.c.t.v mal-ħajt ta' daru biex jaqbad min kien qed jagħmillu din il-ħsara. Fil-jum in kwistjoni ra lil xi hadd jitfa' likwidu fuq il-karozza tiegħu u skond hu għaraf lill-konvenut. Sakemm niżel fit-triq sema bieb jingħalaq u skond hu l-konvenut biss għandu bieb ta' l-*aluminium* fl-akkwati. Martu kkonfermat dak li qal l-attur. Ikkonfermaw partijiet minn din id-depożizzjoni, ulied l-attur Mario u Franco, l-attur l-ieħor Borg li dak iż-żmien kien għarus lil bint Schembri. Għandu jingħad li għalkemm il-Qorti eżaminat il-filmat indikat mill-attur, ftit setgħet tikkonoxxi l-persuna.

Sfortunatament il-konvenut miet fil-mori tal-kawża u ma laħaqx xehed (għalkemm kien xehed fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni). Għalhekk il-Qorti ma semgħetx il-verżjoni tiegħu u lanqas kien hemm opportunita' ta' kontro-eżami. *Nonostante* dan inġibu xi provi oħra mill-parti konvenuta. Ġew preżentati d-depożizzjonijiet fil-kawża kriminali (li fiha Fenech ġie liberat) ta' bintu u żewġha u Joseph Caruana li jgħix ma' bintu oħra.
Għalkemm mhux faċli li wieħed jiddeċiedi dwar sitwazzjonijiet simili, kollox ma kollox il-Qorti tħoss li l-atturi ressqu provi biżżejjed biex jikkonvinċuha li kien Fenech li ikkawża d-danni fil-vetturi tagħhom. M'hemmx dubju li kellhom kwistjonijiet li kienu ilhom iż-żmien u hu probabbli li dakinhar il-konvenut li kien raġel ġia' anzjan ħa l-liġi b'idejh u f'mument li fih tilef il-kalma ferra l-likwidu fuq il-karozzi kif qal l-attur Schembri. Hu probabbli wkoll li huwa ċaħad li għamel dan anke biex ma jidhirx li żbalja

quddiem uliedu li naturalment ma kellhomx x'jaqsmu xejn, iżda li issa bħala eredi tiegħu huma konvenuti minfloku.
Dwar id-danni l-Qorti taqbel li dawn għandhom jingħataw skond ir-riċevuti esebiti u kwindi erbat elef, tliet mija u tmienja u sebgħin Ewro (€4,378) lill-attur Schembri u disa' mija u disgħin Ewro (€990) lill-attur Borg.
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa t-talbiet attriċi kollha, u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur Schembri s-somma ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u sebgħin Ewro (€4,378) u disa' mija u disgħin Ewro (€990) lill-attur Borg; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti, filwaqt li dawk tal-kawża ta' ritrattazzjoni jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------